MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2023

Appell Inferjuri Numru 105/2021 LM

**Raymond Zammit**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi** *('l-appellanta')*
**u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasfar Selvaġġi** [minn issa 'l quddiem 'it-Taqsima intimata' jew 'l-appellanta'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'] tal-15 ta' Diċembru, 2022, li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda li l-intimat **Kummissarju tal-Pulizija** [hawnhekk 'l-appellat Kummissarju'] għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt li ċaħad

il-kumplament tal-eċċezzjonijiet imqajma mil-intimati, u laqa' l-appell tar-rikorrent **Raymond Zammit** [hawnhekk 'l-appellat Zammit'] safejn kompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni, u għalhekk annulla u rrevoka d-deċiżjoni tat-Taqsima intimata kkomunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tas-7 ta' Ottubru, 2021.

## Fatti

2. Fit-12 ta' Ottubru, 2021, ir-rikorrent kien irċieva ittra datata 7 ta' Ottubru, 2021 fejn ġie notifikat li kellu jħallas multa amministrattiva ta' mitejn u ħamsin Euro (€250), minħabba użu ta' apparat elettriku jew elettroniku, użu ta' tisfir irreġistrat minn qabel ta' għasafar, u dan skont taħrika maħruġa mill-Pulizija fit-30 ta' Settembru, 2021 fl-16:15, fil-limiti tas-Siġġiewi. Ir-rikorrent qal li fl-istess ittra huwa ġie infurmat li kellu d-dritt jappella mid-deċiżjoni *ai termini* tar-Regolament 27A(2) tar-Regolamenti dwar Konservazzjoni ta' Għasafar Selvaġġi [il-Liġi Sussidjarja 549.42]. Ir-rikorrent qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-awtorità ma kinitx tatu smigħ xieraq, u għalhekk id-deċiżjoni kienet waħda intempestiva, filwaqt li l-awtorità pubblika naqset milli tosserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u l-ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dak l-għemil. Qal ukoll li t-taħrika b'mod żbaljat tindika li kien qed isir użu mill-apparat in kwistjoni, meta kull ma kien hemm kien pussess, li fih innifsu mhux ksur ta' liġi. Ir-rikorrent qal li dan l-apparat instab fil-vettura privata tiegħu, filwaqt li huwa twaqqaf waqt li kien għaddej minn sqaq magħruf bħala Trejqet l-Għollieq fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, u dan waqt *road block* li sar mill-Pulizija fuq il-post. Qal ukoll li waqt l-ispezzjoni huwa ma kienx qiegħed jipprattika l-kaċċa u lanqas ma kien qiegħed

juża l-imsemmi apparat. Żied jgħid li l-post fejn saret l-ispezzjoni mhux fil-limiti tas-Siġġiewi, iżda fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ. Qal ukoll li l-Pulizija li wettqu r-*road block* ma kinux qegħdin jimxu *ai termini* tal-artikoli 355 *et seq* tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, partikolarment l-artikolu 349 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent qal li għalhekk għandu jirriżulta li l-azzjoni tal-Pulizija hija intempestiva, u nieqsa mir-rekwiżiti tal-liġi. Żied jgħid li t-Taqsima intimata, li qiegħda tmexxi proċess kważi-ġudizzjarju, m'għandhiex tadotta proċess skars u karenti għal kollox minn kull interpolazzjoni jew talba għall-verifika jew il-kjarifika tal-fatti, kemm mill-Pulizija, kif ukoll mill-parti involuta, billi tali proċess jimmerita valutazzjoni qabel tiġi imposta l-multa, u jiġi reż neċessarju proċess ġudizzjarju bħal dak odjern. Ir-rikorrent qal li din hija prattika żbaljata billi l-poteri ta' ġudizzju qegħdin jiġu mneżża' minn kull intervent tal-partijiet u jsir eżerċizzju bla raġunament fattwali u li lanqas jagħti dritt *ai termini* tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn huwa impost li l-att amministrattiv irid ikun wieħed li jħares id-drittijiet tal-persuna kkonċernata, filwaqt li jagħti smigħ xieraq.

3. L-intimati t-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasfar Selvaġġi u l-Kummissarju tal-Pulizija wieġbu li preliminarjament il-Kummissarju tal-Pulizija mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri għaliex il-multa in kwistjoni nħarġet mit-Taqsima għar-Regolamentazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi *ai termini* tal-poteri fdati lilha bil-liġi [il-Liġi Sussidjarja 549.42]. Preliminarjament ukoll, l-intimati eċċepew li t-Tribunal m'għandux kompetenza biex jindaga jekk l-għemil tal-Pulizija kienx sar *ai termini* tal-Kodiċi Kriminali, u dan skont kif inhu stabbilit fl-artikolu 5 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimati spjegaw li fit-30 ta' Settembru, 2021, fi Trejqet l-Għollieq f'Ħaż-Żebbuġ, għall-ħabta ta' 15:53, il-

Pulizija waqqfet lir-rikorrent fil-vettura tal-għamla Toyota, sabiex issir tfittxija fl-imsemmija vettura *ai termini* tal-*warrant* maħruġ mill-Ispettur Elliot Magro fit-30 ta' Settembru, 2021. Fil-vettura nstab apparat ta' lewn aħdar illi kellu għana ta' għasfur irrekordjat. Spjegaw li l-Pulizija infurmaw lir-rikorrent li l-użu ta' dan l-apparat huwa kontra l-liġi, u għalhekk dan ittieħed mill-Pulizija. Ir-rikorrent ġie infurmat mill-Pulizija li ser tinħareġ multa amministrattiva fil-konfront tiegħu. L-intimati qalu li r-rikorrent jibbaża d-difiża tiegħu biss fuq il-fatt li huwa kellu l-pussess ta' dan l-apparat, u li tali pussess mhuwiex kontra l-liġi. Qalu li dan huwa raġunament fallaċi, u jekk wieħed jifli l-Iskeda VIII tal-Liġi Sussidjarja 549.42 jirrealizza li r-rikorrent m'għandux raġun fl-argumentazzjoni tiegħu għaliex l-"*[u]żu jew pussess ta' apparat elettriku jew elettroniku, użu jew pussess ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar*" huwa pprojbit bil-liġi. L-intimati qalu li għaldaqstant it-Taqsima kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha u l-istess deċiżjoni timmerita konferma mit-Tribunal. Qalu wkoll li l-fatt li l-ispezzjoni saret fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ u mhux fis-Siġġiewi kif imniżżel fl-avviż tal-multa, m'għandux jaffettwa l-validità tal-multa maħruġa, u dan il-fatt bl-ebda mod ma ppreġudika d-difiża tar-rikorrent li ma kienx konfuż dwar it-tip ta' att illegali kommess minnu, u kien huwa stess li ammetta li kien fil-pussess ta' tali apparat.

**<u>Mertu</u>**

4. Ir-rikorrent, fl-*affidavit* tiegħu, qal li fit-30 ta' Settembru, 2021, għall-ħabta tal-16:00, kien sejjer għand ħbieb tiegħu li għandhom l-għelieqi fuq il-Wied ta' Ħaż-Żebbuġ. Qal li kif daħal fi Trejqet l-Għollieq, ħarġu żewġ pulizija minn wara l-kantuniera u talbuh jieqaf. Qal li huwa ntalab joħroġ mill-vettura tiegħu, u talbuh il-liċenzja tal-kaċċa għaliex kellu senter fuq is-*seat* ta' wara tal-

vettura. Qal li huwa spjega li dak il-ħin kien sejjer l-għalqa ta' sħabu. Qal ukoll li meta saret tfittxija fil-vettura, instabu basket tax-xogħol u barżakka. Qal ukoll li fil-bagoll tal-vettura nstab *bird caller,* li ġie kkonfiskat mill-Pulizija minħabba li huwa kontra l-liġi.

5. Dan ġie kkonfermat mir-rikorrent fid-depożizzjoni tiegħu quddiem it-Tribunal. Qal li fil-ħin tal-ispezzjoni huwa kien spiċċa mix-xogħol, u kien qiegħed isuq biex imur fl-għalqa ta' sħabu. Ir-rikorrent qal li l-*bird caller* normalment jintuża biex trawwem l-għasafar, u minkejja li dan l-apparat kien fil-pussess tiegħu, huwa ma kienx qiegħed jagħmel użu minnu.

6. **Karl Cauchi**, xehed quddiem it-Tribunal li huwa jaħdem bħala *Manager* I fil-*Wild Birds Regulation Unit,* u li rappreżentanti ta' din il-*unit* ma kinux preżenti fil-ħin li saret l-ispezzjoni li tifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, iżda t-Taqsima ġiet infurmata b'dak li kien ġara mill-Pulizija. Ix-xhud qal li kien abbażi ta' dan li nħarġet il-multa amministrattiva li r-rikorrent qiegħed jikkontesta. Ix-xhud qal li l-unika informazzjoni li ngħatat mill-Pulizija kienet li r-rikorrent kien fil-pussess ta' *bird caller*. Ix-xhud spjega li meta tiġi riċevuta informazzjoni bħal din mingħand il-Pulizija, huma jipproċessaw tali informazzjoni, u jieħdu ħsieb joħorġu l-multa li tintbagħat bil-posta rreġistrata lil min ikun għamel l-att illegali. Żied jgħid li l-multa amministrattiva tinħareġ mit-Taqsima intimata. Qal li l-informazzjoni li waslet mingħand il-Pulizija tgħid li l-att illegali li seħħ kien li kien hemm persuna fil-pussess jew li kienet qiegħda tagħmel użu minn *bird caller* li kien qed jintuża jew li kien ser jintuża għal skopijiet ta' kaċċa.

7. **PC 541 Liam Fava**, spjega fix-xhieda tiegħu quddiem it-Tribunal li fit-30 ta' Settembru, 2021 waqt spezzjoni li saret mill-Pulizija, ġew imwaqqfa diversi

vetturi, fosthom dik tar-rikorrent. Qal li mit-tfittxija li saret ġie stabbilit li r-rikorrent kellu arma u *bird caller* fil-vettura tiegħu, u l-*bird caller* ġie kkonfiskat għaliex l-istaġun tal-kaċċa kien miftuħ u l-pussess ta' dak l-apparat huwa illegali. Qal li r-rikorrent kien imbeżża', u ġie infurmat li kienet ser tinħareġ multa amministrattiva fil-konfront tiegħu, u din setgħet jew titħallas jew inkella seta' jsir appell minnha. Ix-xhud qal li fil-ħin tal-ispezzjoni ġie vverifikat ukoll li l-liċenzjament meħtieġ mir-rikorrent kien f'postu. Ix-xhud qal li l-pussess tal-*bird caller* fih innifsu huwa att illegali.

## Is-Sentenza Appellata

8. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 2022, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati għandhom jiġu milqugħa, u għalhekk illibera lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju, ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet, u laqa' l-appell tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Ikkunsidra:***
>
> *Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'multa amministrattiva ta' mitejn u ħamsin euro (€250) imposta fuqu mit-Taqsima intimata minħabba li fit-30 ta' Settembru, 2021, kiser ir-Regolamenti ta' Skeda VIII tal-Avviż Legali 79 tal-2006.*
>
> *Illi skont in-notifika maħruġa mit-Taqsima intimata il-ksur ravviżat minnha kien* "**użu ta' apparat elettriku jew elettroniku, użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar".**
>
> *Illi ai termini tar-Regolament 7 tal-L.S. 549.42:*
>
> (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 8 u 9, ebda persuna m'għandha tikkaċċja jew tipprova tikkaċċja, tieħu jew tipprova tieħu xi għasfur billi tuża jew ikollha fil-pussess tagħha xi wieħed mill-metodi li ġejjin:
> ...

(d) xi gass jew apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar.

*Illi r-rikorrent isostni li huwa ma kisirx dan ir-Regolament u dana għaliex filwaqt li hu minnu li kellu* bird caller *fil-pussess tiegħu, huwa ma kienx qiegħed jużah tant li meta waqqfuh il-Pulizija huwa kien qiegħed isuq. Huwa jsostni li lanqas ma l-Pulizija ħaddmuh biex jaraw jekk kienx qed jaħdem jew le.*

*Illi l-fatt li r-rikorrent ġie mwaqqaf waqt li kien qed isuq irriżulta mix-xhieda tal-Pulizija li waqqfuh.*

*Illi jirriżulta wkoll li wara li waqqfuh, il-Pulizija għamlu spezzjoni fil-vettura tar-rikorrent fejn sabu senter liċenzjat u* bird caller. *L-istess* bird caller *ġie konfiskat minnhom u nfurmaw lir-rikorrent li kien ser jirċievi multa amministrattiva talli kellu* bird caller *fil-pussess tiegħu.*

***Ikkunsidra:***

*Illi l-aggravji tar-rikorrent huma dawn:*

*1. It-Taqsima intimata ma tatx smigħ xieraq lir-rikorrent;*
*2. Il-post fejn saret l-ispezzjoni ma kienx is-Siġġiewi kif hemm indikat fid-deċiżjoni appellata iżda Ħaż-Żebbuġ;*
*3. Il-poteri tal-pulizija meta waqqfu lir-rikorrent ma kinux ai termini tal-Artikolu 355* et sequitur *tal-Kodiċi Kriminali.*

*Illi t-Tribunal se jibda billi jittratta t-tielet aggravju mressaq mir-rikorrent. Illi mingħajr ħafna ħela ta' ħin it-Tribunal josserva illi huwa m'għandux kompetenza jissindika l-operat tal-Pulizija fejn tidħol il-materja in kwistjoni, u ċioe twaqqif ta' persuni jew vetturi. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.*

*Illi għalhekk jibqa' li jrid jiġi sindikat l-għemil tat-Taqsima intimata li f'dan il-każ aġixxiet ai termini tal-poteri mogħtija lilha b'Regolament 27A tal-L.S. 549.42, liema Regolament jgħid is-segwenti:*

27A. (1) Minkejja kwalunkwe ħaġa li tinsab f'dawn ir-regolamenti għal proċedimenti u pieni dwar reati u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament u tal-Iskeda VIII, fejn it-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi u, jew, il-Pulizija Eżekuttiva, **temmen li persuna tkun wettqet reat** kontra dawn ir-regolamenti skont ma jinsab fl-Iskeda VIII, il-Pulizija Eżekuttiva għandha tikkonfiska l-*corpus delicti* kif speċifikat fl-Iskeda VIII u għandha tinforma lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi, li għandha, fi żmien tletin (30) ġurnata minn meta tirċievi din l-informazzjoni, tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub fejn tiddeskrivi r-reat li dik il-persuna tkun qiegħda tiġi akkużata bih, inkluż il-punt

penali għal kull reat skont l-Iskeda VIII, tindika l-passi li trid tieħu biex tirrimedja r-reat u l-penali amministrattiva li hi għandha tħallas għal dak ir-reat.

Iżda dan ir-regolament għandu jkun bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Pulizija Eżekuttiva skont il-Kodiċi Kriminali.

Iżda wkoll kull persuna nnotifikata bl-avviż li tħossha aggravata bid-deċiżjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi taħt dan is-subregolament, tista' tappella lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva stabbilit taħt l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għar-revoka jew tibdil ta' dik il-penali amministrattiva, kif ukoll ir-radd lura tal-*corpus delicti* konfiskat skont dan ir-regolament.

*Illi skont ir-rikorrent, qabel ma t-Taqsima setgħet tipproċedi biex timponi fuqu multa amministrattiva huwa kellu jingħata smigħ xieraq.*

*Illi l-materja dwar jekk il-prinċipji ta' ġustizzja naturali, u allura anke l-prinċipju ta' smigħ xieraq, japplikawx fl-isfera tal-atti amministrattivi ġiet diskussa f'numru ta' sentenzi kemm tal-Qrati tagħna u kif ukoll dawk Ingliżi, u kif ukoll ġiet dibattuta minn diversi awturi legali, fosthom lokali.*

*It-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet* ***Midi plc vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta et*** *deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Onor. Imħallef Toni Abela fis-16 ta' Novembru, 2017, fejn intqal hekk:*

24. Għandu jingħad li, il-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali ma humiex iddettati, eskużi jew modifikati minn id il-bniedem. Dawn huma minquxa fil-kuxjenza ta' dak li għandu mis-sewwa u ġust. Ebda leġislazzjoni ma tista' tidderoga mill-ħtieġa tagħhom fejn din il-ħtieġa tirriżulta.

25. Għalhekk, konstatat dan il-punt mhux dejjem jiswa l-argument ikkostruwit fuq massimi bħal "ubi lex voluit dixit" jew "lex specialis derogat lex generalis". L-osservanza u ħarsien tal-prinċipji tal-Ġustizzja Naturali ma humiex derogabbli u lanqas ma jistgħu jkunu esklużi fejn oġġettivament għandhom jitħarsu. Stabbiliti dawn il-punti, il-Qorti ser tikkonsidra jekk f'dan il-każ, il-prinċipji msemmija ġewx osservati.

...

F'dan l-istadju, huwa valevoli li ssir referenza għal dak li josserva Evans De Smith's f'Judicial Review of Administrative Action (4th Edition, pg. 196):-

"Natural justice naturally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position: (a) to make representations

on their own behalf; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held); and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet ... In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved, and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be hard on that matter" (ara wkoll Sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Paul Borg vs l-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku tat-28 ta' Settembru, 2012 u Rik. Nru. 1101/07 TA sentenza tal-Prim'Awla Qorti Ċivili tal-Kompjant Imħallef Ray Pace tas-27 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet Falzon vs Ministru għall-Affarijiet Rurali u Ambjent et).

39. Minn dan jemerġi, li skont De Smith, fiċ-ċirkostanzi fejn tassew ikun meħtieġ, l-avviż għandu jingħata lill-persuna mhux sempliċiment biex ikun mgħarraf, iżda biex ikollu l-opportunità taħt forma jew oħra, jgħid tiegħu qabel u mhux wara li ssir il-ftira.

...

62. Il-fatt li l-liġi ma tipprovdix għal dan espressament, ma jeżonerax lill-Awtorità milli tagħti l-minimu ta' smigħ lill-persuna, meta ċ-ċirkostanzi hekk ikunu jiddettaw. Meta d-dritt ta' smigħ ma jissemmiex espressament mil-liġi, l-Awtorità ma tistax tiddeċiedi b'diżinvoltura daqs li kieku l-prinċipji fuq imsemmija ma jeżistux. Anzi, fejn il-liġi tibqa' siekta f'dan ir-rigward, bħal ma jagħmel artikolu 4(1) tar-Regolamenti, l-Awtorità trid timxi b'aktar kawtela. Dan għaliex il-piż tad-diskrezzjoni huwa itqal u aktar oneruż minn meta s-smigħ ta' liema xorta jkun, tiddettah espressament il-liġi.

*Illi t-Tribunal jaqbel ma' dan l-insenjament u jqis illi iktar u iktar dan kollu għandu japplika għall-każ odjern fejn si tratta ta' multa amministrattiva għat-twettiq ta' reat kriminali. Il-fatt li t-Taqsima għandha d-diskrezzjoni li timponi multa amministrattiva minflok ma l-persuna involuta titressaq biex tiġi ġudikata minn qorti ta' kompetenza kriminali, ma jfissirx illi t-Taqsima tista' tieħu xi* short cut *għaliex hawn wieħed qiegħed jittratta mad-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-individwu.*

*Illi in oltre dan it-Tribunal huwa xettiku tal-mod kif l-uffiċjali tal-Pulizija pproċedew f'din it-tfittxija partikolari u dan qiegħed jingħad fl-ambitu tad-dritt li persuna tingħata debita twissija u tiġi mgħarrfa bid-drittijiet tagħha qabel tiġi mistoqsija dwar fatti li jistgħu jinkriminawha.*

*Illi di più t-Tribunal josserva illi r-rikorrent ġie akkużat li "uża" apparat elettroniku jew elettriku mingħajr ebda referenza għal xi Regolament speċifiku li jagħmel l-istess użu pprojbit, ħlief li ġiet indikata Skeda VIII li tinkludi fiha għadd ta' kontravvenzjonijiet tal-istess Regolamenti. In oltre, it-Tribunal josserva illi t-Taqsima intimata imputat lir-rikorrent "użu" ta' birdcaller, mentri mix-xhieda mismugħa jirriżulta illi r-rikorrent ġie*

*mwaqqaf waqt li kien qiegħed isuq u kwindi ċertament ma kienx qiegħed jagħmel "użu" mill-istess* birdcaller. *It-Tribunal jirrileva li qam punt ta' kontroversja addizzjonali u ċioe jekk il-"pussess" ta'* birdcaller *meta persuna ma tkunx għall-kaċċa jikklassifikax bħala reat ai termini tal-artikolu 7(1)(d) tal-L.S. 549.42. Illi ladarba dan it-Tribunal se jkun qiegħed jannulla d-deċiżjoni appellata stante li hi monka minn iktar minn aspett wieħed, ma jħossx illi għandu jidħol f'dan il-punt u dana għaliex anke mhux rifless fid-deċiżjoni appellata.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li jaqbel mal-intimati illi l-Kummissarju intimat mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata tippekka f'diversi aspetti fosthom illi r-rikorrent irid jingħata l-opportunità li jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel tiġi imposta fuqu multa amministrattiva derivanti mit-twettiq ta' reat kriminali u wkoll illi l-fatti tar-reat li dwaru ġie sanzjonat ma jikkombaċjawx mal-fatti kif relatati quddiem dan it-Tribunal.*

***DECIDE***

*Għaldaqstant, it-Tribunal għar-raġunijiet hawn fuq esposti:*

***1. Jilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimati u kwindi jillibera lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-osservanza tal-ġudizzju;***
***2. Jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet;***
***3. Jilqa' l-appell tar-rikorrent sa fejn huwa kompatibbli ma' dak deċiż hawn fuq u kwindi jannulla u jirrevoka d-deċiżjoni tat-Taqsima intimata komunikata lir-rikorrent permezz ta' ittra datata 7 ta' Ottubru, 2021.***

*Bl-ispejjeż kontra t-Taqsima intimata."*

## L-Appell

9. It-Taqsima appellanta ressqet l-appell tagħha minn din is-sentenza permezz ta' rikors tal-appell intavolat fl-4 ta' Jannar, 2023, fejn talbet lil din il-Qorti tikkonferma l-parti tas-sentenza tat-Tribunal tal-15 ta' Diċembru, 2022 fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija, tilqa' dan l-appell u tħassar il-kumplament tas-sentenza tat-Tribunal, u tvarja l-istess sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

It-Taqsima appellanta spjegat li filwaqt li mhijiex ser tappella mill-parti tas-sentenza li laqgħet l-eċċezzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija mhuwiex leġittimu kontradittur, ħassitha aggravata bil-kumplament tas-sentenza li ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra tagħha. Qalet li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal żbalja meta qal li l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq. Qalet ukoll li t-Tribunal mhuwiex munit b'poteri kostituzzjonali sabiex jiddikjara li awtorità naqset fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali ta' persuna, u li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tista' tagħmel dikjarazzjonijiet bħal dawn. Żiedet tgħid li għalhekk it-Tribunal qatt ma seta' jagħmel dikjarazzjoni bħal dik li saret, u li dan mhux każ fejn awtorità pubblika ħadet *short cut* sabiex tmexxi kontra l-appellat u b'hekk ċaħħditu mid-drittijiet u libertajiet fundamentali tiegħu, iżda każ fejn l-awtorità pubblika mexxiet skont il-liġi applikabbli.

10. L-appellanta żiedet tgħid li fil-ġlieda kontra l-kaċċa illegali, hija għandha bżonn l-assistenza tal-forzi tal-ordni sabiex twettaq il-funzjonijiet tagħha. Qalet li għalhekk meta l-Pulizija kienu qegħdin jinfurzaw Leġislazzjoni Sussidjarja, huma kienu qegħdin jaġixxu bħala l-*lunga manus* tagħha. Qalet li l-appellat twaqqaf wara li nħarġet *warrant* skont il-liġi, u fil-vettura tiegħu nstab radju ta' lewn aħdar li kellu l-għana tal-għasafar irreġistrat fuqu. Spjegat li l-Pulizija infurmaw lill-appellat li huwa kien fil-pussess ta' apparat illegali, bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, bil-konsegwenza li l-apparat kien ser jiġi kkonfiskat u kienet ser tinħareġ multa amministrattiva fil-konfront tiegħu.

11. L-appellanta qalet li l-*bird caller* kien qiegħed jinżamm b'mod illegali, u għalhekk ma tistax tifhem għal liema raġuni t-Tribunal wera xettiċiżmu għall-mod kif il-Pulizija pproċediet f'din it-tfittxija partikolari, meta din saret wara li

nħarġet *warrant* skont il-liġi, u meta l-fatti kollha juru li l-azzjoni tal-awtoritajiet kienet leġittima. Qalet li t-Tribunal huwa tribunal tal-ġustizzja, u għalhekk għandu l-funzjoni li jfittex il-verità abbażi tal-fatti ppruvati. Qalet li l-Pulizija għamlu tfittxija skont il-liġi, staqsew lill-appellat x'kien qiegħed jagħmel, infurmawh li għandu dritt ta' appell, u qabdu l-apparat skont il-liġi sussidjarja. L-appellanta qalet li meta jsir eżami tal-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq, il-proċess li minnu jkun qiegħed isir l-ilment irid jiġi eżaminat fit-totalità tiegħu, u mhux jiġi spezzettat u ssir enfasi fuq inċident partikolari. L-appellanta qalet li t-Tribunal kien żbaljat meta skarta l-fatt li l-appellat kellu rimedju quddiemu sabiex ikollu l-opportunità jressaq sottomissjonijiet quddiem tribunal imparzjali, u t-Tribunal seta' jevalwa l-fatti quddiemu u jasal għall-konklużjoni dwar jekk l-azzjoni tal-awtoritajiet kinitx ġusta jew le. Qalet li fil-każ odjern it-Tribunal skarta din il-funzjoni, u minflok iffoka fuq l-aspett ta' smigħ xieraq, liema aspett ġie indirizzat u salvagwardjat bl-istess appell li sar quddiemu.

12. L-appellanta qalet li l-Pulizija għamlu tfittxija skont il-liġi, u kkomunikaw mal-appellat dwar dak li nstab fil-vettura tiegħu, u għalfejn dan l-apparat huwa illegali. Qalet li wara li nstema' l-appellat, il-Pulizija waslet għall-konklużjoni li l-*bird caller* kien miżmum b'mod illegali u l-Pulizija kellha tieħu deċiżjoni b'mod immedjat mingħajr il-ħtieġa ta' sottomissjonijiet fit-tul. L-appellanta qalet li fil-kamp tad-dritt amministrattiv, huma diversi l-istanzi fejn entità pubblika sempliċement tiffirma rakkomandazzjoni ta' entità oħra, u bid-deċiżjoni tiegħu t-Tribunal qiegħed jippretendi li t-Taqsima u l-Pulizija jagħmlu l-istess investigazzjoni darbtejn. Qalet li hija mhijiex attrezzata biex tagħmel dawn l-investigazzjonijiet waħedha, u huwa għalhekk li l-liġi tagħtiha l-funzjoni li tiddelega dawn l-investigazzjonijiet lill-Pulizija. L-appellanta qalet li hija ma

tistax tifhem għal liema raġuni t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li hija ma rreferietx għal xi regolament partikolari fl-avviż tal-multa, u l-appellat fehem għal xiex kien qiegħed jitressaq, tant hu hekk illi intavola appell speċifikament dwar dan, u fit-tieni lok huwa ċar minn qari tar-Regolamenti li l-pussess ta' *bird caller* jaf iwassal għal multa amministrattiva taħt l-Iskeda u taħt il-Liġi Sussidjarja.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tat-Taqsima appellanta, flimkien mas-sottomissjonijiet tal-partijiet, u dan filwaqt li tqis ukoll l-osservazzjonijiet tat-Tribunal kif jirriżultaw fis-sentenza appellata. It-Taqsima appellanta ħassitha aggravata bil-parti tas-sentenza appellata fejn it-Tribunal iddeċieda li l-appellat Zammit ma ngħatax smigħ xieraq. It-Taqsima appellanta bdiet billi qalet li it-Tribunal mhux munit b'poteri kostituzzjonali, u għalhekk dan ma kellux il-kompetenza jiddikjara jekk fil-każ odjern ġewx osservati l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u d-drittijiet fundamentali tal-persuna. Qalet li hija ma ħadet l-ebda *short cut* kif allegat, u hija mexxiet kontra l-appellat skont il-liġi applikabbli. It-Taqsima appellanta spjegat li hija għandha bżonn tagħmel użu mis-servizzi tal-forzi tal-ordni fil-pajjiż sabiex tkun tista' taqdi l-funzjonijiet tagħha, u f'każijiet bħal dawn dan is-servizz jingħata lilha mill-Pulizija, li jimxu abbażi ta' *warrant* maħruġa skont il-liġi. Fil-każ odjern il-Pulizija għamlu spezzjoni fuq għadd ta' vetturi, fejn irriżultaw xi illegalitajiet, fosthom dik tal-appellat. Kompliet tgħid li l-appellat ġie infurmat li kellu fil-pussess tiegħu apparat illegali, u li dan kien bi ksur tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, u li kien

għalhekk li dan l-apparat ġie kkonfiskat, filwaqt li nħarġet il-multa amministrattiva. Qalet ukoll li fil-każ odjern it-Tribunal seta' jfittex il-verità abbażi tal-provi li kellu quddiemu.

14. Il-Qorti kkonsidrat l-atti, kif ukoll il-pożizzjoni li ħadet kull waħda mill-partijiet f'dawn il-proċeduri. L-appellanta tgħid li ħassitha aggravata b'dik il-parti tad-deċiżjoni tat-Tribunal li hija ma tatx smigħ xieraq lill-appellat, u tat ir-raġunijiet tagħha għal dan. Il-Qorti tqis li dak kollu li sar mill-mument li l-Pulizija fittxew fil-vettura tal-appellant, sal-mument meta inħarġet il-multa amministrattiva li ġiet ikkontestata mill-appellat quddiem it-Tribunal, sar skont dak li tipprovdi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42. Hija l-Pulizija li għandha l-awtorità f'każijiet bħal dawn li tordna u tagħmel tfittxijiet fi proprjetà privata, inkluż f'vetturi, u f'każ li tinstab xi ħaġa li tkun bi ksur tal-liġi, toħroġ il-multi u t-taħrikiet relattivi. Fi kwalunkwe każ hemm id-dritt ta' kontestazzjoni tal-multa quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva. Ċertament li l-appellat ingħata smigħ xieraq quddiem it-Tribunal, seta' jiddefendi l-każ tiegħu u jikkontesta l-multa maħruġa, u t-Tribunal sema' l-provi taż-żewġ partijiet. Il-Qorti tqis li d-deċiżjoni li kellha tingħata mit-Tribunal, ma kellhiex tittratta biss il-kwistjoni ta' jekk l-appellat ingħatax smigħ xieraq jew le, u fi kwalunkwe każ il-Qorti ma taqbilx li l-appellat ma ngħatax smigħ xieraq. Il-Qorti tqis li meta jsiru spezzjonijiet bħal dawn u tinstab xi irregolarità jew illegalità, il-persuna konċernata tiġi infurmata bid-drittijiet tagħha, kif jidher li ġara fil-każ odjern, u li ser tiġi mposta multa. Il-Pulizija li jagħmlu l-ispezzjoni u li jikkonstataw li hemm irregolarità, mhuwiex kompitu tagħhom li joqogħdu jiddibattu mal-persuna fuq il-post sabiex jaraw dan x'għandu xi jgħid. L-appellat spjegalhom li kien sejjer għand ħbieb tiegħu, ġie stabbilit li dan kellu l-*bird caller* fl-istess waqt li fil-

vettura tiegħu kien hemm senter tal-kaċċa. Ġie stabbilit ukoll li dan is-senter kellu l-liċenzjar neċessarju, iżda l-*bird caller* fil-pussess ta' persuna fi żmien l-istaġun tal-kaċċa huwa pprojbit, u abbażi ta' dak li nstab inħarġet il-multa relattiva. Il-Qorti tqis li s-smigħ xieraq tal-appellat ingħata mit-Tribunal, li kellu l-funzjoni jisma' l-aggravji tar-rikorrent hawnhekk appellat, li ħassu aggravat bil-multa li nħarġet kontra tiegħu. Jirriżulta wkoll li kull waħda mill-partijiet tħalliet tressaq il-provi tagħha, u kien l-appellat Zammit li għażel li ma jressaq l-ebda risposta għar-rikors tal-appell tat-Taqsima appellanta. Fis-sentenza appellata it-Tribunal saħaq li l-appellat kellu jitħalla jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel tiġi imposta fuqu l-multa amministrattiva. Il-Qorti tqis li kien it-Tribunal li kellu jevalwa jekk il-multa hijiex ġustifikata jew le wara li jisma' lill-partijiet.

15. Il-Qorti ma taqbilx li t-Tribunal ma kellux għalfejn jindaga jekk sarx att illegali *ai termini* tal-artikolu 7(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42, wara li qies li l-appellat ma kienx mar għall-kaċċa. Huwa evidenti li l-appellat huwa kaċċatur, fil-ħin tal-ispezzjoni kien qiegħed isuq lejn l-għelieqi ta' ħbieb tiegħu, bis-senter tal-kaċċa fuq wara tal-vettura u bil-*bird caller* li nstab ukoll fil-vettura tiegħu, meta l-indikazzjonijiet kollha kienu juru li kien sejjer għall-kaċċa. Il-liġi hija ċara li sempliċi 'pussess' ta' metodu jew apparat elettriku jew elettroniku bħal dak li nstab fil-pussess tal-appellat, huwa att illegali li jaqa' taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42.

16. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti għalhekk tilqa' l-aggravju mressaq mit-Taqsima appellanta, u għalhekk qiegħda tikkonferma d-deċiżjoni tat-Taqsima appellanta nnotifikata lill-appellat bl-ittra tas-7 ta' Ottubru, 2021.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tat-Taqsima appellanta billi tilqgħu, u filwaqt li tikkonferma l-parti tas-sentenza appellata fejn laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat hawnhekk appellat Kummissarju tal-Pulizija, tilqa' dan l-appell billi tvarja il-bqija tas-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent hawnhekk appellat, u tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tat-Taqsima intimata hawnhekk appellanta.**

**Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Raymond Zammit.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**